

32003D0688

3.10.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 251/19

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Ottubru 2003

li temenda d-Deċiżjoni 92/452/KEE li tistabbilixxi listi ta' timijiet li jiġbru l-embrijoni u timijiet li jipproduċu l-embrijoni approvati f'pajjiżi terzi biex jesportaw embrijoni bovini lejn il-Komunità fir-rigward tal-lista għall-Kanada

(notifikata bid-dokument numru K(2003) 3427)

(Test b'relevanza għall-EE)

(2003/688/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE tal-25 ta' Settembru 1989 fuq il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' embrijoni ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi bovina⁽¹⁾, l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 806/2003⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 ta' din,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/452/KEE⁽³⁾, l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2003/391/KE⁽⁴⁾, tippovdi li l-Istati Membri jridu jimportaw embrijoni minn pajjiżi terzi fejn ikunu nġabru, ġew proċessati u maħżuna minn timijiet li jiġbru l-embrijoni u timijiet li jipproduċu l-embrijoni elenkati f'dik id-Deċiżjoni biss. Il-Kanada talbet emenda għal din il-lista fir-rigward tar-reġistrazzjonijiet għal dan il-pajjiż.

- (2) Il-Kanada provdiet garanziji fir-rigward ta' konformità mar-regoli xierqa stabbiliti fid-Direttiva 89/556/KEE u t-tim involut ġie approvat uffiċjalment għall-esportazzjoni lejn il-Komunità mis-servizzi veterinarji ta' dan il-pajjiż.

- (3) Id-Deċiżjoni 92/452/KEE għandha għaldaqstant tiġi emendata.

- (4) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Anness tad-Deċiżjoni 92/452/KEE, il-filliera għat-tim Kanadiż Nru E 733 hija mibdula b'dan li ġej:

CA	E 733	E 733 (IVF)	L'Alliance Boviteq Inc 19320 Grand Rang St-François Saint-Hyacinthe, Québec J2T 5H1	Dr Daniel Bousquet Dr Jean Durocher
----	-------	-------------	---	--

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mis-6 ta' Ottubru 2003.

⁽¹⁾ ĠU L 302, tad-19.10.89, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 122, tas-16.05.03, p. 1.<0}

⁽³⁾ ĠU L 250, tad-29.08.92, p. 40.<0}

⁽⁴⁾ ĠU L 135, tat-03.06.03, p. 25.<0}

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-2 ta' Ottubru 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membri tal-Kummissjoni
